Elezzjonijiet tal-Kunsilli Skolastiċi 2027-2029

Linji Gwida Għall-Ġenituri/Kustodji

Għeżież Ġenituri/Kustodji,

Is-sehem tiegħek jagħmel differenza!

Id-dedikazzjoni u l-ħidma eċċellenti tal-membri tal-Kunsill skolastiku tal-passat ħallew impatt pożittiv fuq il-komunita' skolastika tagħna. Inħeġġu lill-ġenituri/kustodji biex jipparteċipaw b'mod attiv f'dawn l-elezzjonijiet. Dan jista' jsir b'mod volontarju bħala Membri tal-Kunsill jew billi tinnominaw ġenituri/kustodji oħra biex ikunu membri fil-Kunsill Skolastiku.

Il-Kunsill skolastiku jikkonsisti minn:

- **President** – nominat mill-Ministru għall-Edukazzjoni
- **Segretarju/Teżorier** - il-Kap tal-Iskola
- **Tliet rappreżentanti** eletti minn fost l-edukaturi tal-iskola
- **Tliet rappreżentanti** eletti minn fost il-ġenituri/kustodji tal-istudenti li jattendu l-iskola.

Ir-responsabbiltajiet tal-Kunsill skolastiku jinkludu:

- L-amministrazzjoni tal-fondi tal-Kunsill Skolastiku
- Diskussjoni dwar modi kif jiżdied l-involviment tal-ġenituri
- Reviżjoni tal-kurrikulu u s-servizzi edukattivi li toffri l-iskola
- Diskussjoni li twassal għal suġġerimenti lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni
- Proposti għal titjib tar-riżorsi fiżiċi u l-ambjent tal-iskola
- Suġġerimenti dwar il-benesseri tal-istudenti

Dati importanti:

Elezzjonijiet għall-Edukaturi u Ġenituri/Kustodji

In-nomini jiftħu onlajn	6 ta' Novembru 2026
In-nomini jagħlqu	13 ta' Novembru 2026
Il-kodiċi jinbagħat elettronikament lill-iskejjel fejn tkun se ssir elezzjoni	24 ta' Novembru 2026
Il-kodiċi jintbagħat elettronikament mill-iskola lill-edukaturi u lill-ġenituri/kustodji	25 sa 27 ta' Novembru 2026
Tiftaħ il-votazzjoni onlajn	30 ta' Novembru 2026
Tagħlaq il-votazzjoni onlajn	7 ta' Dicembru 2026

Nominazzjonijiet

1. **Min hu eliġibbli?**

- Ġenituri/kustodji ta' studenti li bħalissa jattendu l-iskola jistgħu jikkontestaw l-elezzjoni u jivvutaw fl-elezzjoni.
- Ġenitur/kustodju wieħed biss għal kull familja jista' jikkontesta l-elezzjoni għall-istess skola.
- Il-ġenituri/kustodji jistgħu jkunu membri ta' aktar minn Kunsill skolastiku wieħed sakemm uliedhom jattendu dawk l-iskejjel.
- F'dawn l-iskejjel: l-Iskola Primarja San Miguel, Pembroke - Kulleġġ Santa Klara, l-Iskola Sekondarja Guardian Angel, il-Ħamrun - Kulleġġ San Ġorġ Preca, l-Iskola Dun Manuel Attard, il-Wardija - Kulleġġ San Nikola, u l-Iskola Helen Keller, il-Qrendi - Kulleġġ San Benedittu, jistgħu jipparteċipaw biss dawk il-ġenituri li wliedhom huma studenti li jattendu fuq bażi full-time.
- Jistgħu jiġu nominati ġenituri/kustodji ta' studenti fl-aħħar sena skolastika tagħhom. Ladarba t-tfal tagħhom jispiċċaw l-iskola, sta għalihom li jiddeċiedu jekk ikomplux jew le bħala membri sa tmiem it-terminu tal-Kunsill skolastiku.
- Il-ġenituri/kustodji li huma wkoll edukaturi jistgħu jiġu nominati jew bħala rappreżentanti tal-edukaturi jew bħala rappreżentanti tal-ġenituri fuq l-istess Kunsill. Madanakollu, jekk jiġu eletti għaż-żewġ rwoli, iridu jagħżlu wieħed minnhom.
- L-edukaturi li t-tfal tagħhom jattendu skola differenti minn dik fejn jgħallmu jistgħu jservu bħala rappreżentanti tal-edukaturi fl-iskola assenjata tagħhom u rappreżentanti tal-ġenituri fl-iskola tat-tfal tagħhom.

2. **Kif Tissottometti Nomina**

- Aċċessa s-sit: https://education.gov.mt/useful-links/school-council-elections/
- Agħfas fuq nominazzjoni tal-ġenitur.
- Imla s-sezzjonijiet kollha ta' din il-formola onlajn.
- Billi timla u tissottometti din il-formola, tkun qed tinnomina lilek innifsek biex in-nomina tiegħek tiġi kkunsidrata.
- Jekk jogħġbok innota li s-sezzjonijiet kollha huma obbligatorji u jridu jimtlew qabel ma l-formola tkun tista' tiġi sottomessa b'suċċess.
- Qabel tissottometti l-formola, ġentilment irrevedi l-informazzjoni pprovduta sabiex tiżgura li hija kompluta u korretta.

3. **Votazzjoni**

Elezzjoni ssir biss jekk in-numru ta' nominazzjonijiet validi ikunu iktar minn tliet membri. Jekk in-numru ta' nominati jkunu tlieta jew inqas, in-nominati jitqiesu eletti awtomatikament.

Biex tivvota:

1. Kull ġenitur/kustodju se jirċievi kodiċi tal-vot uniku.
2. Aċċessa s-sit mill-ilearn account https://education.gov.mt/useful-links/school-council-elections/
3. Agħfas fuq **Parent Voting**
4. Agħżel l-iskola rispettiva tiegħek
5. Agħżel sa tliet kandidati mil-lista li tkun qed tidher
6. Ikkonferma billi tagħfas **Vote**

It-tliet kandidati nominati bl-ogħla numru ta' voti jiġu eletti fil-Kunsill Skolastiku.

Grazzi tal-kollaborazzjoni, tal-ħidma, u tas-sapport tagħkom.

Grazzi u tislijiet,